# LECTIO DIVINA

# Magħmudija tal-Mulej

# (Sena B)

## Mk 1, 7-11

**F'dak iż-żmien Ġwanni l-Battista kien ixandar u jgħid: «Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu.**

Il-miġja tal-Messija tiġi *mxandra* fil-beraħ («κηρύσσω» tr. *kerysso* – ixxandar fil-beraħ, fil-miftuħ) – mhijiex sempliċiment ġrajja li se tiġri, imma hija *aħbar tajba*, «evanġelju» (*Mk* 1,1) għal kull bniedem. Sabiex l-evanġelju jasal «mal-art kollha» (*S* 19,5), il-Mulej jagħżel u jaħtar dixxipli sabiex jagħmlu frott li jibqa' (cfr *Ġw* 15,16) u jkunu qaddejja tal-Poplu tiegħu, tal-Knisja li jxandru l-Bxara t-Tajba: «Tagħha jiena sirt ministru, skont ma tani nagħmel Alla għalikom, jiġifieri li nxandar b'mod sħiħ il-Kelma ta' Alla, il-misteru li kien moħbi sa miż-żminijiet u l-ġenerazzjonijiet kollha, u li issa hu mgħarraf lill-qaddisin tiegħu» (*Kol* 1,25-26). Bħal Battista, min huwa messaġġier tal-miġja ta' Kristu huwa msejjaħ biex jagħraf lil Ġesù bħala *aqwa minnu*, aqwa mill-egoiżmu, mill-ambizzjonijiet, mill-proġetti jew interessi personali li jista' jkollu. Irid jagħraf lil Ġesù bħala dak li rebaħ lill-qalbu u fdieh: «Niżżi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna, li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kienet tistħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu, lili li qabel kont dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu. Iżda sibt ħniena [...] lili l-grazzja ta' Sidna kienet mogħtija bil-kotra, flimkien mal-fidi u mal-imħabba, li hi fi Kristu Ġesù» (*1Tim* 1, 12-14). L-esperjenza li d-dixxiplu jagħmel tal-ħniena ta' Alla u tal-Ispirtu tiegħu li jimlieh bil-ferħ tas-salvazzjoni (cfr *Lq* 1,44.78) issir minnha nnifisha l-*aħbar* li hu jwassal lil oħrajn: «Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għalkollox: li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed» (*1Tim* 1,15; cfr *S* 66,16). Id-dixxiplu jaf li huwa qawwi bis-setgħa tal-grazzja ta' Kristu li twieżnu anki fit-tbatija li jġarrab huwa u jxandar l-Evanġelju (cfr *2Kor* 12,10).

Min ixandar lil Kristu ma jsibx is-sodisfazzjon tiegħu f'xi mertu, unur jew prestiġju li jieħu minħabba l-appostolat tiegħu. Iżda l-ferħ tiegħu jinsab f'li ta' kuljum jagħżel li jwieġeb għas-

sejħa li ngħatatlu li jxandar l-Evanġelju: «Jekk jiena nxandar l-Evanġelju ma għandix biex niftaħar; jien obbligat nagħmlu dan. Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju. Jekk dan nagħmlu minn rajja, ikolli dritt għall-ħlas; imma jekk nagħmlu għax obbligat, dan ifisser li qiegħed nagħmel ix-xogħol li Alla fdali f'idejja. X'inhu mela l-ħlas tiegħi? Li meta nxandar l-Evanġelju, inxandru b'xejn, bla ma nfittex id-dritt li jagħtini l-Evanġelju stess.» (*1Kor* 9,16-18).

**Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu.»**

Dak li jħabbar il-Prekursur jitwettaq nhar Għid il-Ħamsin bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu (cfr *Atti* 2,1-4). Il-magħmudija bl-ilma li jagħmel Ġwanni hija biss tħejjija għall-"magħmudija tal-Ispirtu" u "n-nar" (cfr *Mt* 3,11-12), għat-traxxix tal-«ilma safi» mħabbar mill-profeti (cfr *Eżek* 36,25; *Ġoel* 3,1-5). Din il-Magħmudija li ssir «fl-isem tal-Missier tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu» (*Mt* 28,19) tagħti *twelid ġdid* (cfr *Ġw* 3,5) li permezz tagħha l-bniedem "jgħarraq" dnubietu fl-ilmijiet tas-salvazzjoni, ifieq mill-ġdiem tiegħu (cfr *2Slat* 5,14), u jsir *bniedem ġdid* (cfr *Efes* 4,24). Il-Magħmudija bl-Ispirtu s-Santu hi l-bidu ta' ħajja ġdida ta' bniedem meħlus mid-dnub: «Ndfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida» (*Rum* 6,4).

**U ġara li f'dawk il-jiem ġie Ġesù minn Nazaret tal-Galilija,**

Ġesù jiġi minn «Nazaret», mill-"perferija" fejn skont il-kriterji u l-loġika tad-dinja, ma jista joħroġ xejn li hu tajjeb jew ta' siwi (cfr *Ġw* 1,46). Ġesù li jersaq biex jitgħammed ġej minn ambjent ta' familja, ta' ħajja normali, moħbija u sempliċi, ta' ħidma u talb. Alla-magħmul-bniedem jitwieled u jitrabba mal-bnedmin, f'ħajja ta' relazzjonijiet ma' bnedmin: "Alla għażel li jitwieled f'familja ta' bnedmin, li sawwar Hu stess" (Franġisku, *Udjenza ġenerali*, 17 Diċ 2014). Kristu, li jingħaqad mal-folla tal-midinbin li jwiegħbu għal-leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert (cfr *Mk* 1, 5; *Fil* 2, 6-7), jidħol fil-mixja tal-poplu li kien miexi fid-dlam (cfr *Is* 9,1) sabiex ikunlu d-Dawl li jmexxih lejn l-Art Imwiegħda, Ġerusalemm tas-sema (cfr *Eż* 13,21). Biex jifdina Ġesù sar wieħed minna: *"l-Iben ta' Alla, meta sar bniedem, ingħaqad b'xi mod ma' kull bniedem. Hu ħadem b'idejn ta' bniedem, ħaseb b'moħħ ta' bniedem, aġixxa b'rieda ta' bniedem, ħabb b'qalb ta' bniedem. Mwieled mill-Verġni Marija, sar tassew wieħed minna, jixbahna f'kollox barra mid-dnub"* (*Gaudium et spes*, 22). Kull dixxiplu veru ta' Kristu

għandu jitħarreġ fl-iskola ta' Nazaret, "skola tal-Evanġelju" (Pawlu VI, 5 Jan 1964; l-eżempju tal-Beatu Charles De Foucauld). Hemm jitgħallem "iħares", jgħożż, il-preżenza ta' Alla f'ħajtu («Nazaret» tfisser «dik li tħares»); jitgħallem iħalli d-Dawl veru jiddi f'kull esperjenza, ambjent u relazzjoni – imgħoddija u preżenti – li jagħmlu parti mill-istorja tiegħu għax Dak Kristu li jiġi mill-"periferija" biex jitgħammed jistiednu ħalli ma jħalli ebda "periferija" ta' ruħu fid-dalma u n-nixfa tal-mewt u d-dnub.

Kif «il-Galilija» huwa l-post minn fejn jibda u jispiċċa l-Vanġelu skont *Mk*, hekk dawn il-"periferiji" tad-dixxiplu li jiġu msoffija u mdawwla minn Kristu jsiru l-imkejjen fejn id-dixxiplu jirċievi l-missjoni biex iwassal oħrajn lejn il-Ħajja bla tmiem (cfr *Mk* 1,9; 16,7.20).

**u tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan. U minnufih hu u tiela' mill-ilma ra s-smewwiet jinfetħu, u l-Ispirtu bħal ħamiema nieżel fuqu;**

Il-wasla tas-Sid fil-post tal-jasar, ta' Alla fl-għerejjex tal-bnedmin, tal-Feddej fl-ibħra tal-ħażen li ma jħallux lill-bniedem jasal fl-art li tnixxgħi ħalib u għasel, tiftaħ fażi ġdida fid-djalogu ta' bejn is-Sema u l-art, ta' bejn Alla u l-bniedem permezz ta' dak li huwa l-uniku Mejdatur «il-Bniedem Kristu Ġesù» (*1Tim* 2,5). L-ilmijiet «jinferqu» (cfr *Eż* 14,21), is-smewwiet «jiċċartu» (cfr *Is* 63,19) sabiex jinżel jistrieħ «l-Ispirtu tal-Mulej» (*Is* 11,2) li *jikkonsagra* "b'żejt ta' ferħ" lil Kristu, il-Qaddej tal-Missier u *jibgħatu* jxandar il-Bxara t-Tajba lill-foqra (cfr *Prefazju Magħmudija tal-Mulej*) ħalli l-«velu» li jifred il-Qaddis mill-midinbin «jiċċarrat» (cfr *Mk* 15,38).

Kristu jiġi kkonsagrat Qassis il-Kbir u Waħdieni biż-"żejt" li mhuwiex dak li bih indilku «ulied Aaron» u li "qatgħahom" mill-bqija tal-bnedmin u qiegħdhom 'il fuq minnhom (cfr *Lev* 8; 21; *Sir* 45,6); imma b'dak li joħroġ mill-magħsar tas-Salib biex bih ifejjaq lill-bniedem miġruħ (cfr *Lq* 10,34). Il-konsagrazzjoni ta' Kristu sseħħ billi Hu stess isir bniedem, Ħu l-bnedmin, u jġorr fuqu l-madmad tal-miżerja tagħhom biex iwassalhom għall-ferħ tas-salvazzjoni: «Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għal dnubiet il-poplu. Għax, billi hu stess bata u kien imġarrab, jaf jgħin lil dawk li huma fit-tiġrib.» (*Lhud* 2, 17-18). "*Ġesù aċċetta l-umiljazzjoni, it-tbatija, il-mewt, b'ġenerożità kbira. Hemm bżonn li anke aħna nifhmu s-sehem tagħna fis-saċerdozju ta' Kristu b'dan il-mod: hemm bżonn insiru profondament solidali ma' ħutna, inġorru fuqna l-ferħ u n-niket, l-għejja u t-tamiet, l-inkwiet u x-xewqat tal-oħrajn, biex*

*nuruhom l-imħabba ta' Alla u nwassluhom għall-komunjoni divina".* (Albert Vanhoye, *Accogliamo Cristo nostro Sommo Sacerdote*, p. 40).

**u mis-smewwiet instama' leħen: «Inti ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi.»**

Ġesù huwa «l-Iben ta' Alla», li għandu relazzjoni profonda mal-Missier. L-identità ta' Kristu bħala «iben» tiġi rrivelata matul il-vanġelu skont Mark biex hekk issir l-istqarrija tal-fidi ta' min jemmen fih (cfr *Mk* 1,1; 15,39). Il-Missier isejjaħ lill-Ibnu «għażiż» (cfr *Mk* 9,7; 12,6): lil dan ibnu għażiż huwa bagħat għall-fidwa tal-bnedmin. Filwaqt li l-iben għażiż ta' Abraham – Iżakk – kien meħlus (cfr *Ġen* 22,2), l-Iben l-għażiż ta' Alla jiġi offrut: «anqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll» (*Rum* 8,32). Il-Missier isib f'dan l-Iben l-għaxqa tiegħu għax hu ħaġa waħda miegħu (cfr *Ġw* 10,30; *Lq* 3,22; *Is* 42,1). Permezz tal-Iben, l-«Awtur tas-salvazzjoni», Alla jirrivela l-pjan tiegħu sabiex «iwassal ħafna wlied għall-glorja» (*Lhud* 2,10). Id-dixxipli huma wlied fl-Iben għażiż tal-Missier, u jiġu mistiedna jsejħu lil Alla «Missierna» (cfr *Mt* 6,9) u jgħixu ta' ulied maħbuba tiegħu. Ikun «iben» dak id-dixxiplu li *jġib il-paċi* (cfr *Mt* 5,9), li jkun ta' *qalb tajba u ġeneruża* (cfr *Lq* 6,35), li *jħobb lil min jobogħdu* u *jitlob għal min jippersegwitah* (cfr *Mt* 5,45), li *jafda fil-Missier* (cfr *Mt* 6,8), li jsawwar qalb li tixbah lil dik tal-Missier fil-ħniena u l-maħfra (cfr *Lq* 6,36; *Mt* 6,14-15). B'dan il-mod id-dixxiplu jsir *iben għażiż* li jkun mogħni bil-paċi li tingħata fl-art lil dawk li permezz tal-Iben għażiż ikunu jogħġbu lil Missier, kif kienu ħabbru l-anġli fit-twelid tiegħu: «sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu» (*Lq* 2,14). *"Il-bniedem li jogħġbu (lil Alla) huwa Ġesù għax jgħix kompletament imdawwar lejn il-Missier, jgħix iħares lejH u f'għaqda sħiħa mar-rieda tiegħu. Bnedmin li jogħġbu (lil Alla) huma għalhekk il-persuni li għandhom l-atteġġjament tal-Iben – persuni li huma konformi ma' Kristu."* (Benedittu XVI – Joseph Ratzinger, *L'infanzia di Gesù*).

Għar-riflessjoni...

Ġesù Kristu ried imexxina mill-patt il-qadim għall-ġdid. Jiftaħ bibien is-sema u jniżżel l-Ispirtu qaddis tiegħu ħalli jsejjaħ lill-bnedmin għal pajjiżhom, fejn jgħammar Alla. U mhux biss isejħilhom, imma jagħmel li jkun jistħoqqilhom ġieħ kbir, għaliex isejħilna għal din l-għamara hienja tiegħu wara li jkun għamilna mhux anġli, mhux arkanġli, imma ulied Alla, uliedu l-maħbuba. Inqisu, ħuti, l-imħabba ta' dak li sejħilna, l-hena li għaliha stedinna, il-glorja li tana; u ngħixu kif jixraq għal dawn id-doni kbar.

Ġwann Kriżostmu, *Omeliji fuq il-Vanġelu ta' Mattew* 12, 3-4